# IV L-ARMATA FRANCIZA TIDHOL GEWWA RHEIMS

Jum ta’ dieqa segwa lil iehor ghal abitanti ta’ Rheims. Kull filghaxija kienu jorqdu fil-biza’ u kull filghodu kienu jqumu biex jiffacjaw perikli godda. Madankollu l-qawwa qatt ma naqsitilhom. Kuljum l-imgieba tal-germanizi kienet aktar arroganti.

Fuq il-monumenti pubblici u fil-pjazzez kif ukoll fuq il-hitan tad-djar privati kienu jitwahhlu prokalmazzjonijiet ipprintjati fuq karta hadra li kienu jwiddbu lill-popolazzjoni minn kastigi terribli jekk huma b’xi mod jew iehor jirribellaw kontra r-rieda ta’ l-invasuri. Ta’ kull filghodu, Madame Meraut mat-tewmin taghha fi triqthom lejn il-Katidral, kien ikollhom ta’ bilfors ikunu xiehda ta’ dawn l-avvizi nfami. It-tlieta kienu joqghdu ferm attenti li ma jurux l-ghadab taghhom ghal dan l-agir, biex ma jghaddux mill-qilla ta’ l-ghedewwa taghhom. Il-Germanzi donnhom kellhom ghajnejn kullimkien u xejn ma kien jahrabilhom mil-attenzjoni taghhom. Wiehed minn dawn il-posters kien imwahhal mat-tieqa tal-hanut ta’ Madame Coudert. Fil-ghodwa li fih dan il-poster deher ghal l-ewwel darba, Pierre qabad

ftit tajn minn taht il-bankina u zelgu mal-poster b'tali mod li dan ma jinqarax.

Madame Coudert ratu, ghemzitu imma ma iccaqalqetx. Ommu pero' lahqet qabditu u mexxietu lejn triq fil-gemb fil-hin ezatt li ufficjal germaniz rah minn blokk bini 'l boghod. Huwa gie jigri ghal warajh imma billi kien xi ftit ohxon, ghejja u ma lahqux. Kompla jigri sa tarf it-triq imma tfixkel, ghax tarf it-triq kellha tlett toroq johorgu minnha. Pierre, Pierrette u ommhom Antoinette kienu jafu kif jduru minn hemm u minn hawn u jaslu l-Katidral. Imma l-ufficjal beza' jghaddi minn dawk it-toroq dojoq billi ma kien jaf fejn iwassluh. Ghalhekk rega' lura quddiem il-hanut ta' Madame Coudert. Ra li kienet ghadha wara l-bank tal-hanut taghha. Dahal ghandha u wrieha li dak kien insult lil art twelidu.

Madame Coudert wrietu li kienet inkwetata b'dak li gara. Ma' l-ufficjal harget u rat il-poster mahmug. "Ufficjal, tinkweta xejn halli nnaddfu fil-pront." Imbaghad wara li naddfitu sew qaltlu: "Kuntent issa?" L-ufficjal deher sodifatt u telaq. U biex tigbed is-simpatija ta' l-ufficjal Madame Coudert offrietlu kejk bil-gelu roza qabel kompla r-ronda tieghu. L-ufficjal hadu kielu u

kkumplimentaha tat-tjubija tal-kejk.  Ried ihallasha, izda hija ma ridietx.

Matul il-lejl nizlet xita qawwija fuq il-belt u l-poster therra bl-ilma. “It-temp jidher li hassar bosta minnhom, qed ninota. Dak li xtaqna naghmlu ahna, ghamlu t-temp ghalina,” qaltilha Madame Meraut bi tbissima.

Dak il-hin Pierre waqqaf lil ommu milli titkellem u ghamlilha sinjal b’sebghu biex tiskot. Dak il-waqt semghu xi hsejjes ta’ kanuni u warajhom beda’ jasal il-kant u l-muzika.

“Qed tisimghu bhali, dan hu l-kant tal-Marseillaise (l-innu nazzjonali franciz),” wezaq bil-ferh Pierre.

Madame Meraut u z-zewgt uliedha grew lejn in-naha minn fejn kien gej il-hoss. Nies ohra bhalhom ghamlu l-istess. Il-francizi kienu gejjin lura rebbieha mill-battalja ta’ Marne. Kienu dehlin issa gewwa Rheims filwaqt li bdew jinbutaw lis-suldati germanizi ‘l barra mill-belt. U meta s-suldati francizi dehru li sahhew posthom fil-belt, il-follol qabadhom dellirju ta’ ferh. Haddnu s-suldati b’sinjal ta’ rikonoxxenza jkantaw maghhom. Pierre u Pierrette immarccjaw maghhom u kantaw ukoll, b’ommhom fil-qrib taghhom.



Is-suldati ghaddew minn quddiem il-hanut ta’ Madame Coudert u hemm bilwieqfa fuq il-bankina kienet b’gabarre mimli helu fuq idejha. Il-poster li kellha imwahhal mal-hajt taghha kien safa imqatta u mirfus mis-saqajn u fuq il-bieb taghha kienet tixxejjer il-bandiera tat-tlett kuluri. “Ejjew hawn,” ghajtet lil Pierre u Pierrette, “Isaw qassmu dan il-helu lis-suldati sakemm il-gabarre’ jisvojta.”

Pierre qabad kejk bil-gelu roza u pprezentah lill-Kaptan. Pierrette tat pasta lil l-ewwel suldat li seghet tilhaq. Madame Meraut dahlet il-hanut u xtrat aktar kejkijiet biex tqassamhom. Sidien tal-hwienet ohra

mxew fuq l-ezempju taghhom. Nies ohra ghamlu l-istess. Qassmu cikkulata, sigarri u hlewwiet lis-suldati. Pierre ferah tghidx kemm meta ra lil ufficjal germaniz li ried jaqbdu meta hammeg il-poster, icedi lill-Kaptan.

Madame Meraut u t-tewmin dahlu fil-Katidral u stghagbu li ma sabuhx fis-silenzju kif soltu kien ikun. L-Abbati u Henri l-Mazzier kienu biezla jiggwidaw grupp ta' irgiel biex iwarbbu is-siggijiet minn rokna fil-katidral u jinlewha b'qattet ta' tiben. Parti mit-tieqa warda kienet imkissra u l-bicciet tal-hgieg imxerrda fl-art.

Madame Meraut resqet fuq Henri u qatlu: "X'konfuzzjoni hawn! X'hemm bzonn li naghmel?"

"Igbru kull bicca hgieg," ordna Henri, "U qieghduhom f'post sigur. Il-midruba daqt jingiebu hawn biex nikkurawhom fil-Katidral. Jehtieg li nkunu lesti li nilqghuhom. Ma hemmx zmien x'nitilfu."

Sakemm Madame Meraut ikkoperat bil-hidma taghha skont l-isturzzjonijiet ta' Henri, l-Abbati sejjah lit-tewmin u qalilhom: "Nista' nafdakom li taghmluli qadja?"

"Mela le, Reverendu," wegbuh.

Tahom nota biex biha jmorru ghand tal-hanut halli dan ithom l-akbar bandiera li kellu. L-Abbati kien ser

itellaghha fuq il-kampnar biex juri li l-Katidral kien qed iservi ta' sptar. "Tinsewx li qabel tmorru ghidu lil ommkom x'bghattkom taghmlu."

F'hakka t'ghajn it-tewmin kienu fi triqthom, imma damu siegha biex waslu lura ghand l-Abbatti fil-katidral. L-ewwel sid il-hanut kien barra jaghmel xi qadi u meta wasal dam ifittex il-kwalita' ta' bnadar li talbu l-Abbatti. Imma fl-ahhar waslu b'bandiera kull wiehed imgezwra f'pakkett tal-karti.

"Hawn huma l-bnadar," qal Pierre li Henri l-Mazzier li laqaghhom fil-bieb tal-Katidral.

Ma' Henri kien hemmu wkoll Padre Varennes. "Ejjew iddumux, ommkom trid tarakom."

It-tfal imxew waraPadre Varennes u ghalkemm avzawhom minn qabel li l-feruti kienu ser jingabu il-Katidral biex jiddewew, ma kienux imhejjija ghal dehra bhal dik. Fuq qattet tat-tiben kien hemm feruti jokorbu bl-ugigh, lebsin uniformijiet ta' l-armata germaniza.

Pierrette qabdet id huha u qaltlu: "Qatt ma kont nistenna li huma germanizi."

“Ma humiex kollha hekk,” wegibha Henri b’vuci xi ftit mahnuqa. Xi whud minhom huma francizi. Ma hemmx distinzjoni ghall-knisja tistma’ lil kulhadd l-istess.”

Infermiera u tobba bi fradal bojod kienu jigru fost il-feruti jattendu ghall-htigijiet taghhom. Hekk kif it-tfal kienu qed jaqsmu is-sala ghaddew minn quddiem suldat germaniz li minn hdejh waqa’ elmu u gie f’riglejn Pierre. Gabru u fuqu kien hemm miktub dawn il-kelmiet - "Gott mit uns.". “X’jfissru?”, qal lil Henri.

“Alla maghna,” nefah Padre Varennes. “Ghandi nissopni



li dawn il-povri suldati germanizi feruti jemmnu f’Alla tassew.”

L-Abbati kien qed jistennihom fil-passagg u hadilhom il-bnadar u l-

elmu. Sema it-twegiba ta’ Henri u seta’ jobsor il-mistoqsija ta’ Pierre x’kienet. “Ibni,” wiegbu l-Abbatti, “Alla ma hux ’l boghod minna, jistmana lkoll uliedu. Huwa  minhabba d-dnub, li jinsabu ‘l boghod minnu. Imma issa hallilna mit-teologija. Ommkom qed tistenniekom. Ejjew mieghi.”

It-tewmin hassewha stramba li l-Abbatti johodhom hu fejn kienet ommhom. Il-Katidral kienu jafuh sa l-icken toqba. Sa fuq il-kampnar kienu telghu, flimkien ma’ Henri, u hemm lemhu dehra l-aktar sabieha u kompluta tal-belt ta’ Rheims. Meta waslu hdejn ommhom, fuq qatta tiben kien hemm suldat franciz ferut bid-demm hiereg minn rasu.

Gharfuh. Kien misierhom. “Bil-mod, gentilment, uliedi,” wissiethom ommhom hekk kif it-tewmin nizlu gharkubtejhom hdejh jikbu bil-ferh li regghu rawh u bin-niket ghax kien mugugh. “Tikbux, missierkom ifieq ghalkemm il-girehi li garrab jimpeduh li jkompli jiggield ghal Franza. Narawh kuljum u meta jfieq jerga’ lura maghna d-dar.”

Kommossi ghal l-ahhar it-tewmin biesu l-idejn kollhad mija ta’ missierhom u wara ommhom hargithom ‘l barra. “Morru ghand Madame Coudert u ghidulha li



missierkom qieghed hawn u li jiena ser noqghod hdejh fil-Katidral. Itolbuha li tiehu hsiebkom ghall-lejl li riesaq fuqna. Ghada filghodu jekk kollox ikun kwiet ejjew."

It-tfal obdew. Ghamlu kif ikkmandathom ommhom. "Kunu mberkin, gheziez," sellmitilhom ommhom qabel

telqu. Meta t-tfal wasslulha l-messagg ta’ ommhom, Madame Coudert qaltilhom “Daz-zgur li tistghu toqghodu hawn. Certament li din hija gurnata ta’ ferh ghalikom it-tnejn, minkejja li gie ferut.”